# Informazzjoni għall-iskejjel u l-ġenituri rigward il-ġestjoni medika tat-tfal li jattendu ċentru taċ-childcare, kindergarten jew skola

## Preambolu

Twaqqaf grupp ta' ħidma magħmul minn speċjalisti rappreżentattivi fil-Mediċina tal-Familja, il-Pedjatrija u l-Mediċina tas-Saħħa Pubblika li jaħdmu kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat sabiex tintlaħaq pożizzjoni komuni bbażata fuq l-evidenza dwar it-trattament ta' tfal b'sintomi simili għall-COVID-19 u b'sintomi simili għall-influwenza fir-realtà attwali tal-imxija tal-COVID-19 f'Malta.

## Għan

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi informazzjoni lill-amministraturi tal-iskejjel u lill-ġenituri dwar kif l-implimentazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet kliniċi se tħalli impatt fuq il-politika tal-mard fl-iskola, iċ-ċertifikazzjoni tal-assenza fl-iskola u ċ-ċertifikazzjoni għall-iskrining tat-tfal.  Ma jkoprix il-ġestjoni medika tal-adulti/il-persunal.

## Ġenerali

Kull membru tal-persunal (edukatur/persunal amministrattiv/persunal ieħor) jew tfal li jħossuhom ma jifilħux jew għandhom xi sintomi **m'għandhomx** imorru l-iskola.  Din x'aktarx tkun l-iktar miżura waħda importanti biex nevitaw l-imxija tal-COVID-19 (u l-influwenza) fil-komunità tal-iskola u nipproteġu lil kulħadd.

Ħafna tfal bil-COVID-19 juru sintomi, bl-aktar komuni minn dawn huma d-deni u s-sogħla. Sintomi oħra jinkludu l-għeja, uġigħ fil-griżmejn, imnieħer inixxi/imblukkat, uġigħ ta' ras, uġigħ fil-muskoli u telf tax-xamm u tat-togħma.  Ir-rimettar u d-dijarea huma wkoll sintomi importanti li huma wkoll aktar komuni fit-tfal. Perċentwal tat-tfal ukoll ma jkollhomx sintomi, u għalhekk l-importanza tal-miżuri l-oħra ta' mitigazzjoni implimentati fl-iskejjel biex jimminimizzaw l-imxija.

L-informazzjoni kurrenti dwar it-trażmissjoni tal-COVID-19 uriet li t-trażmissjoni fost it-tfal tal-iskola hija baxxa u li t-tfal huma aktar probabbli li jieħdu l-COVID-19 minn xi membru tad-dar jew minn adult aktar milli mingħand tfal oħra.

Wieħed għandu joqgħod dejjem iktar attent li jissuspetta l-COVID-19 jekk tifel/tifla għandu/għandha membru tad-dar adult li għandu wkoll sintomi ta' mard respiratorju akut.

# FAQs

## Jekk it-tifel/tifla tiegħi jinstab/tinstab li għandu/għandha d-deni waqt l-iskrining fid-daħla tal-iskola, x'għandi nagħmel?

Jekk it-tifel/tifla tiegħek jintbagħat/tintbagħat id-dar talli kellu/kellha temperatura ta' skrinjar għolja mad-dħul fl-iskola imma m'għandux/m'għandhiex sintomi oħra u jinsab/tinsab tajjeb/tajba, avża lit-tabib tiegħek u żomm lit-tifel/tifla tiegħek id-dar u kejjel id-deni tagħhom billi tuża termometru diġitali (jew mill-ħalq jew mill-axillari) kull 6 sigħat mingħajr ma tagħtihom l-ebda mediċina li tnaqqas it-temperatura (bħal paracetamol jew ibuprofen). Jekk wara 24 siegħa t-tifel/tifla m'għandux/m'għandhiex deni, it-tabib tiegħek jista' jiċċertifika lit-tifel/tifla tiegħek tajjeb/tajba biex jattendi/tattendi l-iskola mill-għada. Jekk jiżviluppaw xi sintomi, iddiskuti l-passi li jmiss li għandhom jittieħdu mat-tabib tiegħek.

## Jekk it-tifel/tifla tiegħi huwa/hija marid/marida, x'għandi nagħmel?

Jekk tinnota li t-tifel/tifla tiegħek ma jiflaħx/tiflaħx waqt li jkun/tkun id-dar jew ikun/tkun intbagħat/intbagħtet id-dar mill-iskola, huwa rrakkomandat li tfittex il-parir tat-tabib tiegħek. Din il-komunikazzjoni għandha għall-ewwel issir b'mezzi virtwali jew fuq it-telefown jew inkella permezz ta' konsultazzjoni virtwali. Skont l-informazzjoni pprovduta, it-tabib jiddeċiedi liema azzjoni ulterjuri hija meħtieġa inkluż dwar jekk it-tifel/tifla tiegħek għandux/għandhiex ikun/tkun ibbukkjat/a għal swab test jew le.

## Jekk xi ħadd ikun marid id-dar, għandi xorta nibgħat lit-tifel/tifla tiegħi l-iskola?

Bħala regola ġenerali, jekk xi ħadd ikun marid id-dar, iżda t-tifel/tifla tiegħek m'għandux/m'għandhiex assolutament sintomi, allura jista'/tista' jattendi/tattendi l-iskola normalment sakemm ma jingħatawx istruzzjonijiet mod ieħor mit-tabib.

## Min se jipprovdi ċertifikat mediku biex it-tifel/tifla tiegħi jkun/tkun jista'/tista' jmur/tmur lura l-iskola?

Huwa meħtieġ ċertifikat mediku mingħand it-tabib tiegħek biex it-tifel/tifla tiegħek imur/tmur lura l-iskola. Dan iċ-ċertifikat jipprovdi d-data meta t-tifel/tifla jista'/tista' jerġa'/terġa' jibda/tibda jitgħallem/titgħallem fiżikament fil-klassi. Jekk jogħġbok kun af li t-tifel/tifla huwa/hija mistenni/mistennija li jkun/tkun ħieles/ħielsa mis-sintomi għal 48 siegħa qabel ma jmur/tmur lura l-iskola u d-data mogħtija fuq iċ-ċertifikat għar-ritorn lejn l-iskola se tqis dan. Huwa meħtieġ ċertifikat mediku kull darba li t-tfal ifallu mill-iskola għall raġunijiet ta' saħħa, anke jekk għal ġurnata waħda biss. Dan jista' jinbidel skont is-sitwazzjoni ġenerali tal-COVID-19 fil-pajjiż.

## X'jiġri jekk is-sintomi tat-tifel/tifla jmorru għall-agħar jew is-sintomi jinbidlu wara l-ewwel konsultazzjoni mat-tabib?

F'dan il-każ, jekk il-kors ta' rkupru mill-mard mhuwiex dak li kien mistenni mit-tabib tiegħek, għandek terġa' tikkuntattja lit-tabib tiegħek sabiex is-sitwazzjoni tkun tista' tiġi evalwata mill-ġdid.

## Wara kemm ġranet ta' assenza mill-iskola t-tifel/tifla tiegħi jkun/tkun jeħtieġ/teħtieġ ċertifikat mediku biex imur/tmur lura l-iskola?

Matul l-imxija tal-COVID-19 ġie deċiż li kull jum ta' assenza mill-iskola minħabba raġunijiet mediċi jeħtieġ li jkun iċċertifikat. Il-Kunsill Mediku bħalissa qed jikkunsidra konsultazzjonijiet virtwali/telefoniċi/onlajn bħala format aċċettabbli għal laqgħa medika u jippermetti lit-tabib, skont id-diskrezzjoni klinika tiegħu, biex jiddetermina jekk hemmx bżonn konsultazzjoni fiżika. Konsegwentement, konsultazzjonijiet mill-bogħod huma mezz aċċettabbli biex jiġu pprovduti ċertifikati għas-saħħa tal-iskola u r-ritorn għall-iskola. Iċ-ċertifikati mediċi mit-tabib jistgħu jkunu fuq karta, fuq sms jew fuq e-mail.

## L-iskola tista' titlob swab test negattiv jew xi test ieħor qabel ma tħalli lit-tifel/tifla tiegħi jirritorna/tirritorna l-iskola?

Le, l-iskola ma tistax titlob riżultat ta' swab negattiv għat-tifel/tifla biex jirritorna/tirritorna l-iskola. L-iskola tista' titlob biss ċertifikat ta' tabib li jiddikjara li t-tifel/tifla huwa/hija tajjeb/tajba biex jirritorna/tirritorna l-iskola u li kwalunkwe marda akuta jew infettiva issa ġiet solvuta. Sms jew email li jiċċertifikaw saħħa tajba biex jattendu l-iskola huma mezz aċċettabbli ta' ċertifikazzjoni.

## Binti kienet ikkonfermata li kellha l-COVID-19 u ġejna mgħallma mill-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika biex nibqgħu ġewwa peress li tpoġġejna taħt kwarantina obbligatorja. Min se jiċċertifika meta tista' tmur lura l-iskola?

Bħala każ ikkonfermat ta' COVID-19 it-tifel/tifla tiegħek ser jitpoġġa/titpoġġa taħt kwarantina obbligatorja għal **mill-inqas** ġimagħtejn skont l-istruzzjonijiet mill-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika. It-tim tas-Saħħa Pubblika se jkun f'kuntatt perjodikament u jgħidlek meta terġa' tittestja lit-tifel/tifla tiegħek biex tivverifika jekk ħelisx/ħelsitx mill-virus. Malli tirċievi dan it-test negattiv, it-tifel/tifla tiegħek jiġi/tiġi kkunsidrat/a mfejjaq/mfejqa. It-tim tas-Saħħa Pubblika ser jipprovdi dokumentazzjoni li tista' tingħata lill-iskola. It-tifel/tifla tiegħek jista'/tista' jmur/tmur lura l-iskola mingħajr ma tiġi kkunsidrata l-ebda miżura oħra ladarba jfieq/tfieq. Ċertifikat ta' sick leave separat mhuwiex meħtieġ f'dan il-każ.

## It-tifel/tifla tiegħi kien/kienet f'kuntatt mill-qrib ma' persuna li nstabet bil-COVID-19 u b'riżultat ta' dan, l-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika poġġewna taħt kwarantina mandatorja. X'ċertifikazzjoni nista' nuri lill-iskola sabiex niġġustifika l-assenza tat-tifel/tifla tiegħi?

Persuni li huma identifikati bħala kuntatti mill-qrib ta' każijiet pożittivi ġeneralment jitpoġġew taħt kwarantina obbligatorja flimkien mal-familji tagħhom. Meta jiġu kkuntattjati mis-Saħħa

Pubblika, tinħareġ ittra ta' Kwarantina bid-data tal-bidu u tat-tmiem tal-kwarantina. Din l-ittra tista' tiġi ppreżentata lill-iskola biex tiċċertifika l-assenza. It-tifel/tifla jista'/tista' jmur/tmur lura l-iskola fil-jum wara li tkun ġiet stabbilita t-tmiem tal-kwarantina u l-ebda miżura jew prekawzjoni addizzjonali ma huma meħtieġa fl-ambjent tal-iskola jew fir-rigward tiegħu/tagħha.

## X'inhu protezzjoni (*shielding*)?

Aktar kmieni fil-pandemija, abbażi tal-evidenza disponibbli ta' dak iż-żmien, id-Dipartiment tas-Saħħa ħareġ lista ta' kundizzjonijiet kroniċi magħrufa bħala l-'lista vulnerabbli'. Persuni b'dawn il-kundizzjonijiet kienu mistennija li jibqgħu d-dar u ngħataw protezzjoni legali biex jagħmlu dan. Il-bażi legali għal din id-deċiżjoni ġiet irtirata fl-aħħar ta' Mejju. Minn dakinhar ħarġu provi aktar ġodda u esperti mediċi stabbilixxew li lista ristretta ħafna biss ta' kundizzjonijiet mediċi fit-tfal tagħmilhom klinikament aktar suxxettibbli għal kumplikazzjonijiet serji minn infezzjoni ta' COVID-19 mill-popolazzjoni ġenerali. Din il-lista hija pprovduta fl-Anness 1 u l-konsulent pedjatra tal-isptar ta' kura biss jista' jiċċertifika tfal bħal dawn li jeħtieġu protezzjoni.

Jekk il-konsulent pedjatra tal-isptar jiċċertifika li t-tifel/tifla tiegħek ikun jeħtieġlu/jeħtiġilha protezzjoni, dan ma jfissirx li t-tifel/tifla tiegħek għandu/għandha bilfors jieqaf/tieqaf jattendi/tattendi l-iskola u għandu/għandha jibqa'/tibqa' d-dar. Din iċ-ċertifikazzjoni tfisser li għandhom jiġu implimentati miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali biex inaqqsu l-kuntatt ma' oħrajn biex it-tifel/tifla ikun/tkun jista'/tista' jattendi/tattendi u jitgħallem/titgħallem mill-iskola. Kull Konsulent Pedjatra tal-Isptar li jieħu ħsieb dawn it-tfal se jikkuntattja lill-familja u jipprovdilhom ċertifikat għall-protezzjoni.

Hija r-responsabbiltà tal-ġenituri li jippreżentaw dan iċ-ċertifikat lill-maniġment tal-iskola u wara għandha ssir diskussjoni dwar kif l-attendenza u l-esperjenza tal-iskola tat-tifel/tifla jsiru aktar siguri.

Eżempji ta' protezzjoni addizzjonali jinkludu:

- tiżdied id-distanza interpersonali ta' dan/din it-tifel/tifla partikolari minn oħrajn
- ikunu irranġati l-postijiet ta' bilqiegħda sabiex ikun hemm inqas interazzjoni
- jiġi evitat l-użu tat-trasport tal-iskola
- it-tfal kollha fil-klassi jintalbu biex jilbsu maskra li tgħatti l-wiċċ (anke jekk huma fil-grupp ta' età fejn dan mhux obbligatorju)
- ikunu kkunsidrati barrieri fiżiċi magħmula minn ħġieġ akriliku jew ittemprat mad-dawra tal-iskrivanija tat-tfal
- miżuri ta' iġjene ġenerali mtejba metikolużi u sanitizzazzjoni tal-idejn.

Dawn huma eżempji ta' miżuri possibbli li jistgħu jittieħdu. Madankollu, il-vijabilità u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri addizzjonali jeħtieġ li jiġu stabbiliti mill-Maniġment tal-Iskola.

## Kif inkun naf jekk ibni/binti għandux/għandhiex ikun/tkun protett/a?

Numru ristrett ta' tfal biss jeħtiġilhom protezzjoni u mhux neċessarjament it-tfal kollha b'dawn il-kundizzjonijiet elenkati jkunu jeħtiġuh. Dan jiddependi fuq il-kundizzjoni klinika preżenti tat-tifel/tifla tiegħek u wkoll fuq l-imxija tal-COVID-19 fil-komunità. Se tkun ikkuntattjat mill-Konsulent Pedjatra tal-Isptar li qed jieħu ħsieb it-tifel/tifla tiegħek u tingħata ċertifikat ta'

protezzjoni jekk dan ikun meħtieġ. Fl-anness għal dawn il-FAQs hemm inkluża l-lista tal-kundizzjonijiet li għalihom jista' jinħareġ ċertifikat ta' protezzjoni. Jekk ikollok xi dubju kkonsulta lit-tabib tal-familja tiegħek, li jkun kapaċi jiddiskuti t-tħassib tiegħek mal-Konsulent tal-Isptar.

## Huwa sigur li wliedi jinġabru mill-iskola min-nanniet tagħhom u li jieħdu ħsiebhom huma waqt li jien inkun ix-xogħol?

Dawn it-tipi ta' arranġamenti għandhom jittieħdu liberament f'diskussjoni bejn il-ġenituri tat-tfal u n-nanniet. Madankollu huwa importanti li jkun innotat li l-kura ta' tfal li jiġu f'kuntatt regolari ma' tfal oħra ġġorr magħha riskju akbar, billi t-tfal għandhom kuntatti soċjali multipli f'ambjenti u bżieżaq differenti, bħal fl-iskejjel, fiċ-ċentri taċ-childcare, fit-trasport tal-iskola, u f'attivitajiet extra-kurrikulari (eż. sport, balè, mużew, eċċ).

Huwa importanti li jekk in-nanniet se jieħdu ħsieb tfal ta' età skolastika għal numru ta' sigħat kuljum, għandhom jittieħdu prekawzjonijiet żejda peress li l-persuni anzjani u dawk b'mard kroniku huma aktar probabbli li jiġu affettwati severament jekk jiġu infettati bil-COVID-19. Qatt tħalli lit-tfal fil-kura tan-nanniet jekk juru xi sintomi li jkunu morda. Għandhom jintlibsu l-maskri jekk in-nanniet ikunu qed isuqu t-tfal lejn/mill-iskola. Jekk jieħdu ħsiebhom għal kwalunkwe ħin imtawwal għandhom ikunu viġilanti ħafna biex jevitaw kuntatt mill-qrib bla bżonn, iżommu d-distanza soċjali kemm jista' jkun, jilbsu maskri/viżieri f'kull ħin. Il-kmamar għandhom ikunu ventilati b'mod adegwat billi jiftħu t-twieqi jew iqattgħu l-ħin barra jekk possibbli. Wieħed għandu joqgħod attent biex jadotta iġjene tajba ħafna tal-idejn u iġjene respiratorja kemm għat-tfal kif ukoll għan-nanniet.

## Hemm numru ta' testijiet rapidi tal-pinprick jew testijiet rapidi li mhumiex it-testijiet standard tal-PCR għal COVID-19. Dawn huma affidabbli u jkunu aċċettati bħala swab test għat-tifel/tifla tiegħi li jista'/tista' jimrad/timrad?

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li t-testijiet antiġeniċi/antikorpi disponibbli bħalissa fis-suq ma jistgħux jissostitwixxu s-swab test tal-PCR bħala test ta' konferma għall-COVID-19. Dawn it-testijiet m'għandhomx jintużaw biex jiġi ddeterminat jekk hemmx xi ħadd marid fid-dawl ta' COVID-19 jew le. Fil-futur qarib jistgħu jsiru disponibbli testijiet oħra li jkunu aċċettati bħala test ta' konferma u f'dak il-każ aħna naġġornaw il-gwida tagħna kif xieraq. Madankollu, testijiet bħal dawn xorta jkollhom ikunu amministrati minn professjonist tal-kura tas-saħħa mħarreġ.

## Binti tbati minn allerġiji frekwenti/tbati mill-ażżma u għalhekk ikollha sogħla okkażjonali. Kif nista' nserraħ moħħ l-iskola li m'għandha xejn li jittieħed?

Jekk it-tifel/tifla tiegħek għandu/għandha xi sintomi allerġiċi fit-tul jew ibati/tbati mill-ażżma, ikseb nota mit-tabib tiegħek li tiċċertifika li t-tifel/tifla m'għandux/m'għandhiex sintomi akuti/infettivi. Dan iserraħ moħħ il-Maniġment tal-Iskola u jkun evitat li jintbagħat/tintbagħat id-dar bla bżonn. Kwalunkwe żieda jew bidla fis-sintomi tas-soltu tkun teħtieġ attenzjoni medika.

## Jekk persuna fil-klassi tat-tifel/tifla tiegħi ġiet identifikata li għandha każ pożittiv ta' COVID-19, il-klassi kollha jkollha bżonn tibqa' taħt kwarantina għal ġimagħtejn?

Meta każ pożittiv jinstab fi skola, issir valutazzjoni tar-riskju mis-Saħħa Pubblika flimkien mal-COVID Liaison Officers tal-iskola. Din il-valutazzjoni tar-riskju hija bbażata fuq bosta fatturi, kemm jekk adult jew tifel/tifla huma l-każ pożittiv, l-età tat-tfal fil-klassi, kemm jekk kinux lebsin il-maskri jew le, jekk il-persuna pożittiva kellhiex sintomi u t-tul u l-prossimità tal-kuntatt bejn it-tfal fost fatturi oħrajn. Wara din il-valutazzjoni, jiġi stabbilit min għandu jitqiegħed taħt kwarantina. Dan jista' jvarja minn ħadd, għal ftit studenti f'kuntatt mill-qrib għall-klassi kollha jekk ikun meħtieġ. Huwa diffiċli li tingħata tweġiba definita peress li dan jiddependi fuq dawn il-fatturi varji. Meta persuna titqiegħed taħt kwarantina obbligatorja, il-membri tad-dar ikollhom ukoll jibqgħu taħt kwarantina għall-istess perjodu ta' żmien. Il-Maniġment tal-Iskola u l-COVID Liaison Officers ta' kull skola ngħataw il-Protokoll tal-Ittraċċar ta' Kuntatti biex ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jagħtu pariri lill-ġenituri u lill-persunal skont il-każ.

## Anness 2 - Kundizzjonijiet pedjatriċi li jistgħu jeħtieġu protezzjoni Settembru 2020[1]

Dawn li ġejjin huma kundizzjonijiet pedjatriċi li għalihom it-tfal jistgħu jintalbu protezzjoni. Il-pariri għall-protezzjoni jiddependu l-aktar fuq it-trażmissjoni tal-komunità tas-SARS-CoV-2 u l-pariri dwar is-saħħa pubblika dwar meta għandhom ikunu protetti nies estremament vulnerabbli jew inqas vulnerabbli. Il-grad ta' vulnerabbiltà mhuwiex l-istess għall-kundizzjonijiet kollha elenkati hawn taħt, u jiddependi wkoll fuq is-severità tal-kundizzjoni li tkun iddeterminata mill-konsulent li qed jieħu ħsieb.

Il-pariri għall-protezzjoni huma affettwati wkoll minn:

a) il-kumplessità tal-kundizzjoni sottostanti,
b) gwida mogħtija mill-konsulent tal-isptar li jieħu ħsieb,
c) l-età tat-tifel/tifla, u l-kapaċità mentali tat-tifel/tifla fir-rigward tal-abbiltà li jwettaq/twettaq iġjene fl-idejn, jirrispetta/tirrispetta d-distanza soċjali u jilbes/tilbes u jneħħi/tneħħi l-maskra tal-wiċċ b'mod sigur u
d) il-kapaċitajiet tal-iskejjel biex jipprovdu għajnuna għall-protezzjoni ta' tfal vulnerabbli: l-iskejjel għandhom ikunu ppreparati sew għal dan u jaħdmu biex jipprovdu edukazzjoni inklussiva lit-tfal kollha irrispettivament minn kwalunkwe kundizzjoni sottostanti li t-tfal jistgħu jkollhom. M'għandu jkun hemm l-ebda forma ta' diskriminazzjoni kontra tfal li jbatu minn kundizzjoni li tagħmilhom vulnerabbli.

Il-kundizzjonijiet li jistgħu jpoġġu lit-tfal f'riskju* għal COVID-19 huma kif ġej:

**** Mhux it-tfal kollha b'dawn il-kundizzjonijiet għandhom l-istess riskju għal COVID-19 u l-ħtieġa ta' protezzjoni tista' tvarja skont l-epidemjoloġija ta' SARS-CoV-2.***

[1] Ibbażat fuq gwida ta' protezzjoni mill-Covid-19 għat-tfal u ż-żgħażagħ. RCPCH: It-22 ta' Settembru 2020

### Disturbi fl-immunodeficċjenza

- Disturbi primarji jew sekondarji tal-immunodeficċjenza jekk qegħdin fuq antibijotiċi profilattiċi jew immunoglobulini U fuq immunosuppressanti (bħal sterojdi għal> 4 ġimgħat, jew bijoloġiċi) JEW b'ko-morbidità konkorrenti (mard sinifikanti tal-pulmun, indeboliment renali, mard kroniku tal-fwied).
- Wara trapjant tal-mudullun għal disturb primarju ta' immunodeficċjenza U għadhom fi żmien 12-il xahar mit-trapjant JEW qegħdin fuq immunosuppressanti jew immunoglobulini jew għandhom mard sinifikanti tal-pulmun jew marda Graft versus Host kontinwa.
- Infezzjoni tal-HIV U b'għadd ta' CD4 ta' inqas minn 200 jew kellhom infezzjoni opportunistika f'dawn l-aħħar 6 xhur jew għandhom tagħbija virali li tista' tiġi osservata jew mhuma fuq l-ebda trattament antiretrovirali.

### Onkoloġija

- Qegħdin fuq kimoterapija ta' induzzjoni għal Lewkimja Limfoblastika Akuta (ALL) jew Limfoma Mhux Hodgkin jew qegħdin fuq kimoterapija għal Lewkimja Majeloida Akuta (AML) jew għal lewkimja jew limfoma rikaduta u/jew refrattarja.
- Għamlu trapjant awtologu fl-aħħar 6 xhur jew trapjant alloġeniku fl-aħħar 12-il xahar jew sakemm issir rikostituzzjoni immunitarja.
- Qegħdin fuq terapija CAR-T jew fi żmien 6 xhur minn meta ħaduha jew sakemm is-sistema immuni tkun irkuprat.
- Qegħdin fuq kimoterapija għal kwalunkwe dijanjożi tal-kanċer jew fi żmien 6 xhur mit-tlestija tagħha jew qegħdin fuq sterojdi ta' manutenzjoni fuq perjodu fit-tul.
- Spiċċaw il-kura għall-kanċer imma għandhom kundizzjonijiet respiratorji, kardijaċi, renali jew newroloġiċi sinifikanti kontinwi.

### Kardjoloġija

- Fontan, fiżjoloġija tal-ventrikolu wieħed, speċjalment b'evidenza ta' falliment, u/jew ħsara fl-organi maġġuri mitmugħa mis-sistema ċirkolatorja.
- Ċjanosi persistenti (saturazzjonijiet ta' ossiġnu <85% b'mod persistenti)
- Ipertensjoni Arterjali Pulmonari (PAH) speċjalment dawk fuq terapija ta' vażodilatatur pulmonari.
- Trabi taħt is-sena b'mard konġenitali tal-qalb mhux imsewwija li jeħtieġu operazzjoni jew intervent tal-kateter eż. VSD, AVSD jew tetraloġija ta' Fallot.
- Kardjomijopatiji severi li jeħtieġu medikazzjoni.

- Mard konġenitali tal-qalb fuq medikazzjoni biex ittejjeb il-funzjoni tal-qalb.
- Wara trapjant tal-qalb.
- Mard konġenitali tal-qalb u kundizzjonijiet sinifikanti li jeżistu flimkien eż. mard kroniku tal-kliewi jew mard kroniku tal-pulmun.
- Insuffiċjenza tal-qalb severa jew sintomatika, partikolarment dawk fuq terapija ta' insuffiċjenza tal-qalb.

## Dermatoloġija

- Sterojdi b'doża għolja, definiti bħala ≥0.5mg/kg/jum, għal mill-inqas 4 ġimgħat, fl-aħħar 4 ġimgħat.

## Ematoloġija

- Marda taċ-ċelluli sura ta' minġel (sickle cell disease) b'ko-morbiditajiet addizzjonali jew bi storja ta' mill-inqas kriżi tas-sider waħda li teħtieġ trattament ta' kura intensiva jew mill-inqas żewġ kriżijiet tas-sider li jeħtieġu trattament.
- Talassemija jew anemija oħra ereditarja jew konġenitali b'piż żejjed ta' ħadid sever u ko-morbidità addizzjonali.

## Neonatali

- Trabi li kienu twieldu prematuri b'ossiġnu kontinwu u/jew ħtiġijiet ta' ventilazzjoni intermittenti mhux invażivi.
- Kull tarbija li hija eliġibbli għal palivizumab.

## Newroloġija

- Pazjenti b'diffikultà sinifikanti biex jibilgħu (eż. pazjenti b'distrofija mijotonika).
- Pazjenti f'riskju sinifikanti ta' dekompensazzjoni waqt l-infezzjoni (eż. mard mitokondrijali).
- Pazjenti b'insuffiċjenza sintomatika tal-qalb, partikolarment dawk fuq terapija għall-insuffiċjenza tal-qalb (eż. Distrofija muskolari ta' Duchenne).
- Pazjenti b'sindromi mijasteniċi.

## Gastroenteroloġija, Epatoloġija u Nutrizzjoni

- Pazjenti b'infjammazzjoni tal-musrana pedjatrika (IBD) bi KWALUNKWE WIEĦED minn dawn li ġejjin:
    - Waqt li qegħdin fuq sterojdi ġol-vina jew orali ≥20mg prednisolone (jew >0.5mg/kg) jew ekwivalenti kuljum.

- Bdew terapija bijoloġika flimkien ma' sterojdi immunomodulatorji jew sistemiċi fis-sitt ġimgħat ta' qabel.
- Għandhom marda attiva minn moderata għal severa mhux ikkontrollata minn trattamenti ta' riskju moderat li jistgħu jeħtieġu żieda fit-trattament.

- Pazjenti b'insuffiċjenza intestinali li jeħtieġu Nutrizzjoni Parenterali fid-Dar (HPN) b'xi wieħed minn dawn li ġejjin:
  - Immunodefiċjenza primarja jew immunodefiċjenza kkawżata minn drogi bħala parti mit-terapija tagħhom.
  - Kundizzjonijiet sinifikanti oħra jew involviment ieħor ta' organi (renali, ematoloġiċi, kardijaċi, gastrointestinali, respiratorji, dijabete mellitus).
  - Kofatturi soċjali (eż. jiddependu ħafna fuq appoġġ minn professjonisti/*carers* tal-kura tas-saħħa).
- Mard tal-fwied b'xi wieħed minn dawn li ġejjin:
  - Mard tal-fwied mhux ikkumpensat.
  - Qed jirċievu immunosuppressjoni ta' wara t-trapjant jew fuq il-lista ta' stennija għal trapjant.
  - Kundizzjonijiet sinifikanti oħra jew involviment ieħor ta' organi (renali, ematoloġiċi, kardijaċi, gastrointestinali, respiratorji, dijabete mellitus).
  - Mard tal-fwied awtoimmuni attiv jew ta' spiss rikadenti fejn x'aktarx tkun meħtieġa żieda fit-trattament.

## Renali

- Trapjant tal-kliewi speċjalment jekk fl-aħħar 3 xhur.
- Qegħdin fuq livell għoli ta' medikazzjoni immunosuppressiva għal marda attiva li tkun għaddejja minn trattament ta' induzzjoni: dawk li bħalissa qed jirċievu jew temmew il-kura fi żmien 6 ġimgħat ta' sterojdi b'doża għolja ta' 20mg/jum jew aktar (jew 30mg/m2/jum) U cyclophosphamide jew rituximab jew immunosuppressanti oħra.
- Għandhom mard tal-kliewi u jissodisfaw xi wieħed minn dawn li ġejjin:
  - Qegħdin fuq l-emodijalisi
  - Qegħdin fuq 2 immunosuppressanti differenti
  - Ikollhom sindromu nefrotiku attiv jew ta' spiss rikadenti

## Respiratorju

- Ikollhom indeboliment sinifikanti fil-kapaċità li jisogħlu u jneħħu t-tnixxijiet tal-passaġġ tan-nifs: inklużi tfal b'mard newroloġiku sever bħal paralisi ċerebrali severa,

diżabilitajiet newromuskolari, indeboliment ta’ moviment sever u mard metaboliku sever.

- Jeħtieġu apparat tas-sogħla biex jgħin fit-tneħħija tas-sekrezzjonijiet tal-passaġġ tan-nifs.
- Jiddependu ħajjithom kollha fuq ventilazzjoni fit-tul, kemm invażiva (permezz ta’ trakeostomija) kif ukoll mhux invażiva (CPAP u BiPAP).
- Mard sever tal-pulmun li jeħtieġ ossiġnu tad-dar supplimentari kontinwu jew matul il-lejl u/jew ventilazzjoni intermittenti mhux invażiva.
- Tfal bi:
    - Fibrożi ċistika u diskinesija ċiljarja primarja.
    - Bronkiektasi severa.
    - Mard tal-pulmun restrittiv sever bħal mard tal-pulmun interstizjali jew bronkiolite obliterattiva.
    - Ażżma severa: tfal trattati b’aġenti bijoloġiċi jew sterojdi orali ta’ manutenzjoni.
    - Tfal b'anormalitajiet konġenitali toraċiċi konġenitali bħal ftuq dijaframmatiku konġenitali/fistula trakea-esofagali biss jekk ikun hemm problema sinifikanti tal-passaġġ tal-arja jew tal-pulmun.

## Rewmatoloġija/Oftalmoloġija pedjatrika

- Qegħdin fuq ċiklofosfamide u/jew sterojdi b'doża għolja, definiti bħala $\geq$0.5mg/kg/jum, għal 4 ġimgħat jew aktar, fl-aħħar 4 ġimgħat.
- Ikollhom mard rewmatoloġiku instabbli jew infjammat.